MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Numru. 69/2009

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT LAWRENCE CUTAJAR**
**KONTRA**

**EMANUEL DEMICOLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Demicoli ta’ 89 sena, bin Salvu u Rakela nee’ Mifsud, mwieled San Giljan nhar is- 17 ta’ Ottubru 1919, residenti fil- fond numru 3, Manhattan, Triq Santa Margherita, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 500719(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fis- 16 ta' Lulju 2008, ghall- habta ta' 9.30am, fi Triq Manwel Dimech, Qormi saq vettura nru. FAA 646,b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Nicholas Borg kif iccertifika Profs. Anthony Bernard mill- Isptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-incident sehh fiz-zmien meta' kien hawn protesti fit-toroq mis-sidien tal-karozzi tal-linja u tal-"minivans". L-imputat, li hu persuna anzjana, jirrisulta li waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu fit-triq imsemmija, sejjer fid-direzzjoni ta' San Vincenz de Paule, bejn il-konfuzjoni ta' traffiku li kien hemm u l-ansjeta' li nholoq bil-vetturi jimblukkaw it-triq, naqas li jara lill-Ufficjal tal-Pulizija Nicholas Borg jidderiegi t-traffiku u laqtu bil-vettura, b'konsegwenza li Borg sofra griehi gravi. Ghalkemm jirrisulta li l-incident huwa unikament tort tal-imputat, il-Qorti sejra tkun klementi mieghu fil-piena, in vista tal-eta' avvanzata tieghu u li l-incident ma garax minhabba f'xi sewqan traskurat jew imprudenti tieghu izda sforz tac-cirkostanzi li hu sab ruhu fihom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 226 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 466 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------